MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 429/2012

**Floatglass Limited**

**vs**

**Dolphin Industrial Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-30 ta’ April 2012 li jghid hekk:

1. Illi l-intimati konvenuti xtraw hgieg minghand is-socjeta rikorrenti u dana versu l-prezz ta' Euro 28,620, liema hgieg gie mibjugh u konsenjat lis-socjeta intimata;

2. Illi minkejja li interpellati sabiex ihallsu l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk l-esponenti kellhom jaghmlu dawn il-proceduri;

3. Illi peress li dan id-debitu huwa wiehed cert likwidu u dovut lill-esponenti, huwa tal-fehma li l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tar-rikorrenti;

4. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suesuppost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispenza mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' Euro 28,620 rappresentanti prezz ta' hgieg mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta intimata;

3. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Euro 28,620;

Bl-ispejjez, bl-imghax u b'hekk is-socjeta konvenuta tibqgha ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta gie debitament notifikata fl-10 ta’ Mejju 2012 pero ma deher hadd ghas-seduta tad-29 ta’ Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ Joseph Zammit, rapprezentant tas-socjeta attrici li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghadu kollu dovut kif mitlub billi ma thallas ebda parti minnu;

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas

lis-socjeta attrici l-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u ghoxrin euro (€28,620), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------